# TRIBUNAL INDUSTRJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU:2636

**Kaz Numru : 3646/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Antoine Bartolo**

**u**

**Worldfone 1 Co. Limited (c-57009)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., M.A. Qual. B.A., P.G.C.E.**

**Nhar it-Tlieta 3 ta' Dicembru, 2019**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' Rikors mill-Avv Ian Spiteri Bailey f'isem Antoine Bartolo fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar l-1 ta' Gunju, 2018, fejn iddikjarat illi t-tkeccija minn mas-socjeta' Intimata ma' saritx ghal raguni gusta u sufficjenti.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa min-nahat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjonijiet ta' l-avukati difensuri.

**Rapprezentanza**

Antoine Bartolo li minn issa l-quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien assistit mill-Avv. Ian Spiteri Bailey.

Worldfone 1 Co.Limited, li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata kienet irrapprezentata mill-Avv. Ivan Gatt u l-Avv. Maria Attard.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrent kien jahdem bhala 'Chief Executive Officer' mas-socjeta ntimata fuq bazi full-time u fuq kuntratt definit. Ai termini ta' l-istess kuntratt definit l-ahhar gurnata tax-xoghol kellha tkun is-26 ta' Jannar 2019. Ir-rikorrent qal li hadem u thallas ghas-sena kollha 2017, kif ukoll ta' Jannar 2018. Ir-rikorrent allega li hadem sa l-ahhar ta' Marzu u baqa' thallasx u rcieva ittra minn JOBSPLUS, fejn kienet tghid li hu rrezenja b'mod volontarju, haga li hu jinnega li ghamel.

Ir-rikorrent, skont it-twegiba tas-Socjeta', ma kellu l-ebda terminazzjoni ta' mpjieg izda kien hemm trasferiment ta' negozju mill-kumpanija Worldfone 1 Co. Limited ghal ghand IOT Fabrix Co. Ltd, li taghha r-rikorrent huwa l-major shareholder u l-uniku direttur. Is-socjeta' ressqet zewg eccezzjonijiet preliminari, wahda li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni peress illi dan il-kaz si tratta ta' mpjieg ghal zmien specifikat mentri t-Tribunal jista' jisma' biss kwistjonijiet ta' allegat tkeccija minn impjieg ghal zmien mhux stabbilit u ghalhekk dawn il-proceduri ghandhom jigu respinti, kif ukoll l-eccezzjoni illi l-proceduri odjerni ghandhom jigu respinti peress illi gew ipprezentati fuori termine.

**Dr. Spiteri Bailey** fil-hames seduta fi trattazzjoni ulterjuri rigward l-ewwel ecezzjoni, talab li Tribunal jaghti sentenza f'dan ir-rigward fid-dawl tas-Sentenza mahruga mill-Qorti tal-Appell Waldemar Galea vs l-Universita' ta' Malta, li kkonfermat li Tribunal Industrijali m'ghandux gurisdizzjoni f'kazi ta' allegat tkeccija ngusta meta l-impjieg ikun wiehed a bazi ta' kuntratt definit. Din it-talba qed issir minhabba proprju s-Sentenza li harget , ta' Galea waqt li huma ghaddejjin il-proceduri u smiegh ta' dan il-kaz kurrenti. Minn naha tieghu, Dr Bailey , semma li f'Malta m'ghandniex it-tradizzjoni tal-precedent u semma wkoll kif mindu dahlet fis-sehh il-Ligi tal-Kap 452 fl-2002, l-Qorti ma ghamlitx distinzjoni bejn kuntratti Definiti u Indefiniti. Dr. Bailey rrefera wkoll ghas-sentenza mill-Qorti tal-Appell ta' Rita Nehls. Dr. Bailey qal li sal-mument li gie ntavolat dan il-kaz, kollox kien sew, izda fil-frattemp harget is-Sentenza ta' Galea li biddlet ix-xenarju kollu, hawnhekk appella ghac-certezza legali u ssuggerixxa li jekk kemm il-darba t-Tribunal ihoss li m'ghandux gurisdizzjoni, l-kaz m'ghandux jintrema izda, ghandu jintbaghat quddiem il-Prim Awla, kif hemm fis-COCP, Artiklu 741 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr Maria Attard** , fl-istess Seduta ghan-nom tas-Socjeta' sahqet li c-certezza legali tinsab fil-Ligi stess u ghaldaqstant tghid li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni jisma' dan il-kaz.

**Decizjoni**

It-Tribunal

Ra l-paragrafi fl-Artiklu 75 (1) tal-Kap 452;

Ra s-sentenza tal-Qorti Tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tal-25 ta' Jannar 2019 (Appell Numru 3/2018) Waldemar David Galea vs l-Universita' ta' Malta.

It-Tribunal Industrjali jiddeciedi li m'ghandux il-kompetenza li jisma' u jiddeciedi dan il-kaz li huwa dwar tkeccija allegatament ingusta'.

A tenut kont ta' Artikl 741 (b) tal-Kodici Ta' Organizazzjoni u Procedura Civili t-Tribunal jordna li l-atti tal-proceduri ta' dan il-kaz jigu trasferiti lill-Prim Awla tal-Qorti Civili a Konjizzjoni taghhom.

**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**